

32000R0191

L 23/4

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

28.1.2000

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 191/2000
ta' l-24 ta' Jannar 2000

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1696/71 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħops

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea u b'mod partikolari l-Artikoli 36 u 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) L-iskema għall-ghajjnuna sabiex jitwaqqfu gruppi ta' produttori m'għadhiex tapplika fi ħdan l-Istati Membri li jipproduċu l-ħops, bl-eċċezzjoni ta' l-Awstrija, li hija awtorizzata biex tapplika din l-iskema sal-31 ta' Diċembru 1999 taħt l-Att ta' Adeżjoni ta' l-1994; għalhekk sabiex kolloxx ikun ċar, l-Artikoli 8 u 10 u l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1696/71 ⁽²⁾, għandu jiġi abrogat mill-1 ta' Jannar 2000
- (2) Il-Kunsill iffissa rata waħda għall-ghajjnuna lill-produtturi ta' EUR 480 għal kull ettaru fis-sena għal perjodu ta' ħames snin mill-ħsad ta' l-1996 sa u inkluż il-ħsad tas-sena 2000; m'għadux għalhekk meħtieġ li kull sena l-Kummissjoni tissottometti rapport lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni tal-produzzjoni u l-immarktjar tal-ħops, billi l-Artikolu 18 tar-Regolament (KEE) Nru 1696/71 jipprovdi għas-sottomissjoni ta' rapprt fil-qosor wara li jgħaddu l-ħames snin meta l-Kunsill ikollu jiddeċidi dwar l-ammont ta' ghajjnuna għall-perjodu li jibda mill-ħsad ta' l-2001; l-Artikolu 11 tar-Regolament imsemmi jista' għalhekk jitħassar u l-Artikolu 12 ta' dak ir-Regolament jista' jiġi adottat sabiex jirrifletti dan,

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 1696/71 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikoli 8, 10, 11 u l-Artikolu 17(2) għandhom jitħassru.
2. L-Artikolu 12(6) għandu jinbidel b'dan li ġej:

“6. Fejn il-qagħda tas-suq turi li hemm ir-riskju li tinħoloq żieda strutturali jew disturb fl-istruttura ta' provvista tas-suq tal-ħops tal-Komunità, il-Kunsill fuq proposta tal-Kummissjoni in konformità mal-proċeduri msemmija fl-Artikolu 37(2) tat-Trattat, jista' jaġġusta l-ammont ta' ghajjnuna ffissata fil-paragrafu 5 jew:

- (a) billi jagħti l-ghajjnuna biss fir-rigward ta' parti mi-øna taħt il-ħops irreġistrata għas-sena in kwistjoni, jaġġusta l-ghajjnuna fejn hemm bżonn; jew
- (b) billi jiddikjara daww i-øni taħt ħops illi huma fl-ewwel u/jew it-tieni sena tal-produzzjoni bħala mhux eliġibbli għall-ghajjnuna.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2000.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-25 ta' Jannar 2000.

Għall-Kunsill

L. CAPOULAS SANTOS

Il-President

⁽¹⁾ Opinjoni mogħtija fis-17 ta' Diċembru 1999 (għadha mhux ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali*)

⁽²⁾ ĠU L 175, tad-19.9.1991, p. 1. Ir-Regolament hekk kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1257/99 (ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 80).